**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 171/2016 CFF**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Sandro Varrazzo f'ismu proprju**
**u ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta' Varrazzo Spedizioni Limited**

**Illum it-Tlieta 6 ta' Dicembru, 2016**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tas-socjeta' attrici** fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici, s-somma ta' sitt elef sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€6672.43) in konnessjoni ma servizzi fuq in-numru 99211136, liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 50843414.

Illi s-socjeta' Mobisle Communications Ltd., li maghha gew ikkuntrattati s-servizzi fuq imsemmija, giet, b'effett mid-19 ta' Dicembru, 2015, amalgamata fis-socjeta' esponenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut Sandro Varrazzo gie notifikat fil-31 t'Ottubru, 2016 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2016.

Rat li fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2016 telghet tixhed bil-gurament Marisa Galea Debono li kkonfermat li l-ammont fir-rikors promotur ghadu kollu dovut.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tas-6 ta' Dicembru, 2016, il-konvenut imsejjah tlett darbiet rega' naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici, s-somma ta' sitt elef sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€6672.43) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**